# Il-Ħadd 25.11.2018

1. Illum 25/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fid-9:00am - Il-Quddiesa mill-Parroċċa tagħna ser tixxandar fuq TVM2.
     Nieħdu ħsieb inwasslu l-aħbar lill-morda u lil dawk kollha li ma jistgħux
     jingħaqdu magħna għall-quddiesa tal-Ħadd.
   - Fil-5:00pm - Korteo immexxi mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna
     minn fejn il-monument ta' Kristu Re, il-Furjana,
     li jimxi lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta,
     fejn tingħad it-Talba tal-Għasar.

2. Is-Sibt 1/12:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm - Laqgħa tal-Abbatini.

3. Il-Ħadd 2/12, **l-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda
     li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

4. Avviżi oħra:
   - Minn għada t-Tnejn 26/11 sal-Ġimgħa 30/11,
     l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq minħabba li ser inkun irtir.
   - Mill-Ġimgħa 30/11 sal-Ħadd 2/12, fejn il-bieb tal-knisja, ser ikun hemm min ibiegħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija li tittella' qrib il-Milied. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja. Napprezzaw kull koperazzjoni.
   - Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet għad-Dħul ta' Tfal fl-Iskejjel tal-Knisja f'Settembru 2019, mingħand dawk li għandhom ħuthom diġà jattendu fi skola tal-Knisja, dawk li huma mpjegati fi skola tal-Knisja, u dawk li qegħdin fi skola primarja tal-Knisja li ma għandhiex sekondarja marbuta magħha, eċċ. Applikanti oħra, minn skejjel tal-Gvern u indipendenti, jkunu jistgħu japplikaw aktar 'il quddiem: f'Jannar u Frar. Informazzjoni oħra tinkiseb mill-istess Skejjel tal-Knisja u minn fuq il-website tal-Kurja: www.thechurchinmalta.org.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 260 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja;
   - € 82 b'risq id-Dar tal-Providenza;
   - € 285 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa;
   - € 20 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 10 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni taċ-Ċimiterju.

   Grazzi.